Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : <u>**19**</u> li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 22 t'April 2014 fis-6.00p.m.**

## <u>L-Ewwel Seduta</u>

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skużat | Is-Sur John B Camilleri |

### <u>***Aġenda***</u>

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 18.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. <u>Aġġudikazzjoni tat-Tenders</u>
   KLM 2014/01 – Works tender for the resurfacing of parts of Triq fil-limiti tal-Mozz Marsaskala.
   KLM 2014/02 – Street Sweeping and Grass Cutting in Urban Roads
   KLM 2014/03 – Grass Cutting using environmentally friendly measures in on urban roads.
6. Approvazzjoni tal-*financial statements* kif aġġustati mill-Awditur għall-Gvern Lokali.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 18(1) tas-17 ta' Marzu 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 7 artiklu 3.18 jixtieq iżid sentenza u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jaqbel mas-suġġeriment basta li fil-bandli ma jiżdiedux l-encroachments".*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 astensjonijiet min naħa tas-Sur Daniel Spiteri minħabba li ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 18(1) tas-17 ta' Marzu 2014:**

2.1.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet rigward artiklu #2.1.3 ta' paġna 2, jekk kienx hemm xi risposta min naħa tal-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-awdituri ħallew rimarka fuq l-istess Green MT fejn ser ikompli jistaqsi l-awdituri fuq din ir-rimarka pero ser jitkellem aktar il-quddiem fuq dan is-suġġett anka peres li s-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Attard fil-bidu tal-ġimgħa u kien ser jitkellem fuqha.

2.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet fuq paġna 6 artiklu #3.13 jekk ħadniex parir u ġibna stima mingħand il-persuna li għamlitilna l-online streaming.

Is-Sindku qal illi hu ma fehmx għaliex għandna nżommu dawn ir-recordings arkivjati fil-website għal tul ta' żmien.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard irrispondiet illi għal dawk in-nies kollha li għal xi raġuni ma jkunux raw il-laqgħa online ikollhom aċċess li jagħmlu dan ġranet wara.

Is-Sindku qal illi huwa vera li aħna qiegħdin nidru online sabiex il-poplu jkun jaf preċiż dak kollu li qed nagħmlu u kemm qegħdin hawn propju għas-servizz tar-residenti u ma jarax li għadna għalfejn nidħlu fi spejjes oħra anke ħabba l-fatt illi l-minuti kollha huma arkivjati għal min ikun irid jarhom kif ukoll qiegħdin imtellgħin fuq il-website.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jaqbel li nħallu recording tal-laqgħa ġimgħa biss fuq il-website mbagħad jiġu mneħħija.

Is-Sindku qal illi hekk ikun aħjar u allura inħalluha xahar min laqgħa għal oħra sakemm ikunu ġew approvati il-minuti.

Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qabel ma dan u qal illi nerġgħu nkunu l-ewwel Kunsill f'Malta illi ħareġ b'din l-inizjattiva.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk nistgħux nieħdu stima ta dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa talab għal stima pero ser jerġgħa jkellem il-persuna responsabbli.

2.1.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet fuq artiklu #3.1 pagna 3 jekk il-persuni mill-Kunsill li kellhom jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-banda f'Marsaskala iltaqgħux.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar flimkien mall-Kunsillier is-Sinjur Elizabeth Cassar qalu illi għadhom ma ltaqgħux.

Is-Sindku qal illi waslet ittra fil-Kunsill min naħa tal-Kumitat tal-banda li ser ikun qed jaqra aktar il-quddiem fil-laqgħa.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagna 6 art#3.15 jekk l-analiżi li kellu jagħtina l-perit rigward it-tħaffir li sar fi Triq Sant Anna waslitx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rapport għadu mhux lest u għalhekk xtaq iħalli din id-diskussjoni għal laqgħa li jmiss meta jkollu r-rapport f'idejh u jkunu jistgħu jiddiskutu aħjar. *Żied jgħid illi ġie infurmat illi meta ħaffru sabu li hemm sitt metri fond sakemm sabu l-blat.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk ser nibqgħu sejrin b'din ir-rata l-Kunsill mhux ser jinbena qatt u qed jgħid dan għaliex fadal ħafna xi jsir u dan jieħu ħafna żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi ma jistgħux jiddiskutu fuq dan mingħajr ir-rapport finali tal-Perit kif ukoll l-istima li għandha titlesta mil-istess Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi primarjament irridu niddiskutu l-fatt li hemm bżonn li jintefqu aktar flus milli ħsiebna minħabba l-pedamenti li jridu jsiru u jekk aħniex lesti li noħorġu dawn il-flejjes kollha, pero għadu kmieni wisq sabiex niddiskutu dan kollu.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal rigward art #3.20 paġna 8 illi dan il-kuntrattur tal-latrini pubbliċi mhuwiex jaderixxi l-kuntratt għaliex hu mar fil-latrina ta' ħdejn l-ex Jerma palace Hotel fil-ħinijiet bejn it-3:00pm u l-4:00pm kif ukoll fil-latrina ta San Tumas għal ħabta tal-5:30pm u sabhom maħmuġin ħafna apparti li ma kienux iffirmati lanqas li sar ix-xogħol kif stipolat fil-kuntratt. Hu kompla jgħid illi hemm bżonn li nibdew noħorġu d-default notices għaliex jekk l-affarijiet ser jibqgħu sejrin hekk fis-sajf ser ikollna problemi kbar. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jissuġerixxi illi jkollna ċwievet tal-latrini spare ħalli meta hu jew il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri imorru jiċċekjaw il-latrini fil-ħin li suppost ikunu mnaddfa u fil-każ li din tkun maħmuġa dawn ikunu jistgħu jiffirmaw sabiex ikun hemm indikazzjoni illi f'dak il-ħin ma ġietx imnaddfa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi anke resident min Ħaż Żabbar ilmenta miegħu fuq l-istat li jinsabu fihom il-latrini ġewwa Marsaskala.

Is-Sindku qal illi mhux bilfors il-każ illi l-latrini ma jitnaddfux pero jista jkun ukoll illi eżatt kif *ikun naddaf jidħol xi ħadd u jerġgħa jħammeġ jew inkella jagħmel xi tip ta' vandaliżmu.* Huwa kompla jgħid illi kien ħareġ bis-suġġeriment illi ikun hemm latrina minnhom li tkun bil-ħlas u l-Kunsill ma jkollux għalfejn joħroġ flus għaliha għaliex din il-problema nħolqot meta l-gvern preċedenti tefgħa r-responsabilita' tal-latrini fuq il-Kunsill mingħajr allokazzjoni finanzjarja żejda għalihom u dan peress li qabel kienu jieħdu ħsiebhom il-lattrini l-ħaddiema tal-Gvern.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fit-6.37p.m***

Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jara ftit u jieħu parir rigward expression of interest sabiex latrina waħda f'Marsaskala issir bi ħlas.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu rċieva l-magazine ta' Marsaskala u innota illi l-artiklu tiegħu ma ġiex ippubblikat meta hu l-artiklu bgħatu għalkemm ġurnata tard mid-deadline li ingħatatlu.

Is-Sindku qal illi hu f'isem il-bord li jieħu ħsieb il-magazine jiskuża ruħu u jitlob apoloġija lis-Sur Daniel Spiteri pero assigurah illi dan ma sarx b'malizja, kompla jgħid illi kienu marbgħutin biż-żmien u fl-aħħar kien fadal tlett artikli li kienu għadhom ma waslux u riedu jippressaw sabiex jirċievuhom fil-ħin madanakollu l-magazine xorta nħareġ tard għall-pubbliku u mhux skond il-pjan taż-żmien.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu urta ruħu għaliex kien ma jiflaħx u ma setax ilesti l-artiklu malajr minħabba li kellu d-deni u lanqas beda jara emails, kompla jgħid illi jħoss li dejjem ikun hemm xi polemika mill-bord rigward l-artiklu tiegħu.

Is-Sindku qal illi filwaqt li jerġa jiskuża ruħu qed jagħti l-opportunita lill Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri illi għal ħarġa tal-magazine li jmiss jistgħa jagħmel żewġ artikli u oħra fuq tal-boċċi.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 ***Żieda fin-notch tal-iskrivana Chantel Zammit mil-1 ta' Mejju 2014:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasal iż-żmien illi l-Iskrivana Chantel Zammit tiżdied fin-notch mil-1 ta' Mejju 2014.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 ***Ittra ta tifħir lill Dr Owen Bonnici:***

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt feraħ lill Dr Owen Bonnici tal-pożizzjoni li ingħata u ssuġerixxa lill-Kunsill sabiex nibgħatlu ittra fejn nifirħulu filwaqt li nirringazzjawh tas-sehem li ta' fil-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament,

3.3 ***Appell sottomess min-naħa ta' Projekte Global:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-appell sottomess min naħa ta' Projekte Global ser isir Nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014 fid-9:00am, hu spjega illi d-dipartiment tal-kuntratti qal illi min naħa tal-Kunsill ma kellniex ngħatu għaxart tijiem ċans sakemm jidħlu l-appelli iżda ħames tijiem, kompla jgħid illi peress li konna mat-treshhold ta €120,000 ħass li għandna nagħtu ċans għaxart tijiem u mhux ħamsa. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jiltaqa mal-avukat tal-Kunsill qabel l-appell.

3.4 ***Ittra mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna (35/1721/14/I):***

Is-Sindku beda billi qal illi l-persuna illi ġab din l-ittra ġewwa l-Kunsill dejjem isegwi l-laqgħa online u b'hekk ser jaqra din l-ittra sabiex ikun jista jirribati għaliha u qal ukoll li din l-ittra fiha insulti u nsinwazzjonijiet xejn sbieħ u li żgur ma jagħmlux ġieh il-Kunsill kif ukoll l-membri tiegħu.

Ġiet moqrija l-ittra li ntbgħatet lill-Kunsill.

Is-Sindku beda billi qal illi fil-ġimgħa li toħroġ il-vara min niċċa sakemm terġa titpoġġa lura l-liġi tal-kurja tgħid illi l-Kunsill ma jistax jorganizza attivitajiet, b'hekk hu kien issuġerixxa illi l-Kunsill flimkien mal-Knisja jorganizza kunċert bil-banda tal-Lokal il-ġurnata ta' qabel tibda il-festa u dan biex nibdew billi nkunu bħal irħula oħra.

Għalhekk kella ssir laqgħa mal-membri tal-banda fis-sala Sant Anna taħt il-knisja biex jiddiskutu dan pero wara li dam jistenna lill-membri sabiex issir din il-laqgħa nfurmawh illi l-laqgħa diġa saret mall-kappillan f'post ieħor u hu ma kienx ġie infurmat. Is-Sindku kompla jgħid illi apparti min hekk hu xtaq illi fl-attivita tal-Ljieli Skalin li kienet ser tiġi amalgamata ma Jum Marsaskala l-banda terġa ddoqq pero dawn il-membri issuppervjaw u ma riedu li *jsir* xejn min naħa tal-Kunsill saħansitra l-leaflets li kieu ser jiġu mħallsa mill-Kunsill, irrifjutawhom ukoll. Hu qal illi dakinhar tal-attivita tal-pageant organizzat mill-Kunsill, il-kumitat tal-banda għażel li jiftaħ l-esebizzjoni fl-istess data u ħin hekk kif kien ser jibda l-pageant.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa spjega u ser jerġgħa jirrepeti l-istess diskors illi direct order ma tistax taqbez is-somma ta' €1165.00.

Is-Sindku kwota insinwazzjoni mill-ittra tal-għaqda Mużikali Sant'Anna li tgħid hekk:

"X'sar minnhom mela l-fondi tal-GAL Xlokk".

Is-Sindku qal illi il-membri tal-banda għandhom ikunu jafu illi sa ġimgħa ilu il-fondi tal-GAL Xlokk kienu għadhom ma ingħataw il-ħadd minħabba li kien hemm appell. Kompla jgħid illi dan kien kumment fejn qed jattakka lill-Kunsill kollu u li dan mhuwiex aċċetabbli u jħossu urtat ħafna. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja kompla jgħid illi din is-sena hija sena fejn il-banda tagħlaq 20 sena u l-korp tal-puluzija ser jgħalaq 200 sena mill-bidu tiegħu u xtaq li kieku jiġu amalgamati dawn iż-żewġ avvenimenti pero mhuwiex ser jiċċaqlaq xejn sakemm ma jirċievi ittra ta' apoloġija għal din il-frażi li kitbu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fl-opinjoni tiegħu l-ittra ġiet mibgħuta b'rabja u l-frażi li kitbu tinkwetah pero mhux il-każ illi bħala Kunsill nirribattu bl-istess mod tagħhom għaliex għandna nkunu aktar maturi minn hekk b'hekk jixtieq illi niltaqgħu ma' dawn il-membri tal-banda għaliex bħala Kunsill għandna naraw li l-banda tal-Lokal tkun qed tiffunzjona. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jaqbel illi għandna nirċievu ittra ta' apoloġija min-naħa tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fl-opinjoni tiegħu għandha tinbgħat ittra ta' skuża min naħa tal-membri tal-banda għaliex l-ittra tagħhom kienet goffa u iebsa. Kompla jgħid li din l-ittra għandha tiġi irtirata għaliex hu jifhem illi l-banda għandha bżonn il-fondi sabiex tiffunzjona pero mhux sew li taġixxi hekk ma min jista jgħinek f'dawn il-fondi.

Is-Sindku qal illi kien offra lis-Sur Malcolm Schembri sabiex jieħu sehem fi proġett tal-GAL Xlokk fejn seta jirċievi is-somma ta' €10,000 biex tgħin lill-għaqda mużikali Sant'Anna iżda dan iddeċieda li ma japplikax minħabba li kien hemm il-co financing li kellu jitħallas mill-istess għaqda u qal li ma kellhomx fondi.

Sar qbil unanimu illi l-Kunsill jinforma lill-Għaqda mużikali Sant' Anna sabiex jibgħatu ittra ta' apoloġija u wara tkun tista issir laqgħa magħhom.

Is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'ġie sottomess għat-tender tal-GAL Xlokk fuq l-attivita' li ser tittella mill-Kunsill ta' Marsaskala.

Is-Sindku qal illi l-lokalitajiet kollha li ħadu sehem għamlu draft tal-attivitajiet li ser jagħmlu ibbażata fuq in-nefqa li kienet saret fis-sena ta' qabel mill-attivita li kienet saret min naħa tal-Kunsill tagħna sar mis-Sur Alfred Debono l-kordinatur tal-kultura.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bidders qabel ma tefaw l-offerta tagħhom ikonsultaw mall-Kunsilli Lokali rigward l-attivita' li kienet saret fis-sena ta' qabel sabiex ikunu jafu l-ispiża kif ukoll l-attivitajiet li kienu saru.

3.5 **<u>Ittra mibgħuta lill-W.S.C rigward Triq Sant'Anna:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mal-kordinatur tal-WSC Is-Sur Saviour Camilleri fejn infurmah illi ġewwa Triq Sant Anna qed jerġa jkun hemm reinstatements magħmulin ħażin u b'kollox hemm iktar minn 8 reinstatements li saru matul dawn l-aħħar sentejn u hemm rikjesta għall tlieta oħra pero nfurmah illi dawn ir-reinstatements li diġa saru u li għad iridu jsiru.

għandhom isiru bil-hot asphalt għaliex din l-istess triq diġa kellha problemi min reinstatements ħżiena li saru min naħa tal-WSC fejn bħala kunsill kellna każ mal-WSC sabiex jagħmel wiċċ ġdid għal din it-triq li finalment ma sarx min naħa tagħhom iżda min naħa tat-TM u ma jridx li din il-problema terġa tirrepeti ruħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk wara li l-WSC jiġu jagħmlu permess mall-Kunsill imurx xi ħadd min naħa tal-Kunsill jiċċekja ix-xogħol li jkunu għamlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi skond l-agreement li kien sar mal-WSC fil-passat kienu jindikaw illi fiz-żmien ġimagħtejn li jsir reinstatement mill-WSC kellu jsir reinstatement bil-hot asphalt pero li beda jsir hu li meta tmur tiċċekja l-house connection issib li jkun hemm iktar min waħda u allura l-kuntrattur jiġi bejn ħaltejn liema waħda tkun saret l-aħħar.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk xi ħadd mill-Kunsill kienx attenda għal-laqgħa li* kellha issir min naħa tal-Local Councils Association li kellha tiddiskuti proġett pilota rigward ir-reinstatements tat-toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadd ma attenda għal din il-laqgħa pero' l-importanti li kienu se jsiru reinstatements bil-hot asphalt minn Cross roads fi Triq Sant'Anna li kienu se jitħallsu mill-WSC

Il-Kunsill qabel unanimament illi nottjenu informazzjoni rigward il-proġett pilota li kellu jsir fil-lokalitajiet.

3.6 **<u>Risposta min-naħa tal-insurance tal-Kunsill għall-klejm li kien se jsir (35/1644/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi kien hemm persuna li kienet ser tikklejmja mal-Kunsill is-somma ta' €2500 minħabba danni li ġarbet fuq il-karozza tagħha fi Triq il-Bidni hekk kif imniżżel fir-rapport tal-inċident. Din l-istess persuna bagħtet e-mail illum stess lill-Kunsill illi l-insurance tagħha mhux lesta li tkoprija fuq id-danni kollha fil-karozza tagħha u qed tikklejmja mal-Kunsill is-somma ta' €635.

Is-Sindku qal illi dan mhux il-każ tas-soltu fejn isiru danni fuq tyre u nagħtu 70% minħabba il-wear and tear tat-tyre.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi t-Transport Malta għandhom proċedura interna sabiex jevalwa lil min jagħtu rimbors wara li ssir investigazzjoni u jħoss illi l-Kunsill għandu jkollu proċedura interna għal kull każ li jidħol il-Kunsill dwar danni tat-tyre u oħrajn simili.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet x'inhi d-differenza bejn danni fuq tyre u dan il-każ fejn id-danni saru fuq it-tyre kif ukoll partijiet oħra fil-vettura tagħha, kompliet tgħid illi dan ir-rapport ħareġ min naħa tal-puluzija.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi r-rapport ħareġ mill-pulizija pero jista jagħti l-każ illi l-persuna li qed tagħmel il-klejm marret hi personalment l-għassa tagħmel dan ir-rapport, kif filfatt hemm imniżżel fl-istess rapport.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jsir inċident bħal dan ir-rapport jsir mill-warden li jiġi fuq il-post jivverifika hu u jagħmel rapport sabiex ikun jista jinfetaħ il-claim mill-insurance.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu kkomunika mal-Insurance tal-Kunsill u qalulna illi bl-ebda mod m'għandna naċċettaw responsabilita' għad-danni u sabiex nillimitaw l-komunikat u fil-każ nirreferuhom għall-Insurance.

Is-Sindku qal illi meta l-insurance ma tkunx ċerta mir-rapport ppreżentat lilha din tibgħat investigatur tagħha sabiex jivverifika.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu jixtieq illi l-Kunsill ikollu policy kif jimxi meta jkollu każi bħal dawn jew fuq każi iktar sempliċi illi tkun approvata mill-Kunsill kollu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fil-passat meta l-Kunsill kien ikollu klejm ta xi tyre konna ndaħħlu lill-avukat tal-Kunsill u b'hekk kellna nħallsu l-avukat ukoll, allura kienet ittieħdet deċiżjoni illi meta jsir klejm jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill u jekk ikun validu nagħtu 70% ta' l-ammont claimjat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-insurance tagħna infurmawna illi l-unika ħaġa illi għandna ngħidu fir-risposta tagħna lil persuna li ssottomettiet l-klejm huwa li l-Kunsill mhux se jaċċetta responsabbilita' ta' dan l-inċident.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-Kunsill irid iħallas l-excess lill-insurance tagħna sabiex jinfetaħ il-klejm.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jieħux responsabilita u jħalli lill-insurance tagħmel l-investigazzjonijiet li hemm bżonn.

3.7 **<u>Konsultazzjoni min-naħa ta' Natura 2000 rigward il-Magħluq (35/1633/14/I):</u>**

Il-Kunsill iddiskuta din il-komunikazzjoni liema informazzjoni kienet diġa' ġiet sottomessa lill-Kunsilliera. Il-Kunsill innota li dak kollu li kien hemm propost mil-MEPA bħala azzjonijiet kienu pożittivi.

3.8 **<u>Kors tat-TCTC għat-tfal fix-xhur tas-sajf (35/1563/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif bħas-snin preċedenti t-TCTC qed joffri korsijiet tal-kompjuter lit-tfal fis-sajf bil-għajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill irid iħallas is-somma ta' €1165 bħas-snin ta' qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.9 **<u>Korrispondenza mingħand Frank Salt (35/1915/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċivejna korrispondenza s-Sur Nick Bilocca fejn qed jinforma lill-Kunsill illi ser jorganizza spring festival ġewwa r-residenza ta'Monita u ser ikun miftuħ għall-pubbliku. Kompla jgħid illi qed jistaqsi l-Kunsill jistax jgħin il-promozzjoni ta dan l-avveniment u jekk hemmx bżonn ta' xi permessi.

Il-Kunsill qabel illi s-Sindku jiltaqa mas-Sur Bilocca sabiex jiddiskutu din il-materja.

3.10 **<u>Permess min-naħa tal-Lands Department fir-rigward ta' Pjazza Sant'Anna (35/1889/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mil-Lands Department sabiex jinfurmawna illi ħareġ il-permess min naħa tal-Lands Department sabiex inkunu nistgħu nibnu.

3.11 **<u>Rigward il-każ tal-EUPA-Intercultural meal (35/2088/14/I):</u>**

Is-Sindku qal illi l-EUPA baqgħu jinsistu illi nħallsu l-flus dovuti lejhom, żied jgħid illi tajjeb inħallsuhom għaliex ser niġu rimborsati min naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaliex il-Kunsill ma kellu tort.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sa għada irridu nibgħatu lill-EUPA bid-deċiżjoni li ħadna.

Is-Sindku qal illi tajjeb ninfurmawhom illi ser nħallsuhom.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 **Laqgħa mas-Sur Joe Attard- Green MT:**

Is-Sindku qal illi ltaqa mas-Sur Attard sabiex jiddiskutu l-issues kollha li kellna u qal illi l-pagament għas-sena 2013 dovut lill-Kunsill mill-Green MT huwa ta €3280.52 ekwivalenti għall-ħdax-il bank. Is-Sindku qal illi tkellem mas-Sur Attard rigward il-kolezzjoni tal-ħġieġ fil-lokalita' ta' Marsaskala skond kif imniżżel fil-kuntratt u qal illi jħoss li l-iktar area li qed isiru abbużi fiha hija propju Triq ix-Xatt fej qed jissuġerixxi illi jsiru żewġ konteniituri tal-ħġieġ, Triq il-Qaliet ħdejn il-beach club jissuġerixxi li jitpoġġew żewġ konteniituri, kontenitur wieħed f'San Tumas ħdejn iz-Zion, wieħed ħdejn l-pixxina u ieħor ħdejn il-waterpolo pitch.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk mhux ser ikun hawn iktar tagħlim lir-resident fuq is-separazzjoni tal-iskart kollox huwa inutli. Kompla jgħid illi jekk tidħol fil-website tal-Wasteserv u tara kemm jinġabar tunellaġġ ta' skart imħallat mill-Lokalita' ta' Marsaskala tinduna kemm għadna lura.

Is-Sindku qal illi għalkemm fil-kuntratt hemm imniżżel illi ssir ġabra tal-ħġieġ mil-Lokalita' darba f'xahar iħoss illi mhux ser tkun idejali minħabba l-fatt li xahar huwa twil wisq biex individwu jżomm il-ħġieġ kollu mfaddal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jħoss li fi Triq ix-Xatt hemm wisq bins u aħjar jitnaqqsu milli nkompli nżidu oħrajn tal-ħġieġ.

Is-Sindku qal illi jagħmel sens imqar kontenitur wieħed tal-ħġieġ fin-nofs ta' Triq ix-Xatt fejn jolqot l-aktar sitt restoranti illi jarmu skart.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk huwiex ser jipprovdilna l-boroż il-griżi.

Is-Sindku qal illi l-problema kienet illi l-boroż kienu out of stock u issa ser jerġgħa jipprovdilna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk dawn il-boroż humiex ser jibdew jitqassmu lir-residenti bieb bieb hekk kif imniżżel fil-kuntratt.

Is-Sindku qal illi tajjeb nikkomunikaw mas-Sur Attard u ninfurmawh illi l-boroż m'għandhomx jiġu l-Kunsill iżda mqassma bieb bieb.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li jsiru leaflets min naħa tal-Green MT sabiex jitqassmu lir-residenti b'informazzjoni tal-ġranet ta' ġbir ta' skart separat u titniżżel nota li tgħid li jekk il-kollettur tal-iskart jara li fil-borża hemm affarijiet oħra li mhumiex adattati għal borża l-griża dan mhux ser jiġbor il-borża.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ninfurmaw lis-Sur Attard illi l-borża l-griza għandha titqassam bieb bieb, apparti li ser jiżdiedu l-konteniituri tal-ħġieġ issir ukoll kollezzjoni tal-ħġieġ mid-djar u issir kampanja min naħa tal-Green Mt sabiex ninfurmaw lir-residenti kif ukoll nedukawhom iktar rigward l-iskart irriċiklat.

4.0 **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:**

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi pagament numru 1258 tas-Sur Ronald Bezzina qiegħed imniżżel darbtejn fl-iskeda tal-pagamenti għaldaqstant dan il-pagament ġie imħassar.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-flus dovuti lilna mill-Kunsilli Lokali rigward il-każ tal-Impjant ta' Sant'Antnin daħlux kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-uniku Kunsill illi għadu ma ħallasx huwa l-Kunsill tal-Fgura pparti tal-Gudja li ma kienx ser iġallas minħabba li kien irtira mill-kumitat.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta dawn il-pagamenti lill-Kunsill minħabba li daħlu tard:

1. Gutenberg Prepress Invoice number 40236 li jammonta għall €2261.70 rigward il-magazine tal-Kunsill.

2. Oasis Ironmongery Invoice number 4939 li jammonta għall €1026 consumables.

3. Office Point Malta Invoice number INV38527-14I li jammonta għal €64.51 cartridges.

Dawn il-pagamenti ser ikunu imniżżla fl-iskeda ta' pagamenti b'urġenza li jmiss.

**l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tenders:***

5.1 **KLM 2014/01 – Works tender for the resurfacing of parts of Triq fil-limiti tal-Mozz Marsaskala:**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Polidano Group | As per BOQ |
| 2. | Schembri Infrastructures Ltd | As per BOQ |
| | | |

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt iddikjara konflitt ta' interess u ħareġ mil-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skond il-bord kien hemm żewġ bidders li kienu Polidano group u Schembri Infrastructures Ltd fejn it-tnejn li huma kienu administratvely compliant iżda Polidano group bgħat work plan ta' lokalita' oħra u b'hekk jiġi technically non compliant.

Il-Kunsill qabel unanimament illi t-tender tingħata lill-Schembri Infrastructures Ltd wara li l-Kunsill jiltaqa miegħu.

5.2 **KLM 2014/02 – Street Sweeping and Grass Cutting in Urban Roads:**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Is-Sur Ronald Bezzina | As per BOQ €45000/annum |
| 2. | WM Environmental Ltd | As per BOQ €65000/annum |
| 3. | Is-Sur Owen Borg | As per BOQ €64200/annum |
| 4. | Is-Sur Raymond Attard | As per BOQ €54000/annum |
| 5. | Is-Sur Saviour Mifsud | As per BOQ €57500/annum |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord innota li l-kuntratturi kollha ma bagħtux dikjarazzjoni ta' *kemm il-siegħa ser ikunu qed jaħdmu l-ħaddiema tagħhom kif ukoll ir-rata li ħa jħallsuhom* biha sabiex nevitaw sitwazzjoni ta' prekarjat, b'hekk il-Kunsill talab il-kuntratturi kollha sabiex jissottomettu din l-informazzjoni u l-kuntratturi kollha għamlu dan, il-Kunsill bagħat l-informazzjoni lid-*department of industrial and employment relations.*

5.3 **KLM 2014/03 – Grass Cutting using environmentally friendly measures in on urban roads.**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Is-Sur Ronald Bezzina | €0.25/linear metre |
| 2. | WM Environmental Ltd | €0.24/linear metre |
| 3. | Is-Sur Owen Borg | €0.44/linear metre |
| 4. | Is-Sur Raymond Attard | €0.50/linear metre |
| 5. | Is-Sur Saviour Mifsud | €0.08/linear metre |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi is-Sur Saviour Mifsud huwa administratevly u technically compliant u ġie fl-ewwel post, warajh hemm WM Environmental Ltd u fit-tielet post Is-Sur Owen Borg. Dan skondir-rakomandazzjonijiet tal-bord.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi la darba is-Sur Saviour Mifsud tefa rati irħas ħafna tajjeb li niltaqgħu miegħu sabiex jikkonferma li b'dak il-prezz ser ikun qed jaderixxi il-Kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi la darba is-Sur Saviour Mifsud iffirma t-tender dan qed jikkonferma li jaderixxi l-kuntratt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi t-tender tingħata lis-Sur Saviour Mifsud.

6.0 **Approvazzjoni tal-financial statements kif aġġustati mil-Awdituri għall-Gvern Lokali:**

Il-financial statements ma ġewx ippreżentati quddiem il-Kunsill minħabba li kienu għadhom mhux lesti minn naħa ta' l-awdituri. Fil-fatt l-informazzjoni kella tintbgħat sa Nhar is-Sibt 26 t'April 2014.

*Il-Kunsill qabel unanimament illi issir laqgħa b'urġenza sabiex jiddiskutu din il-materja liema* seduta se ssir Nhar it-Tlieta 29 ta' April.

7.0 **Mistoqsijiet:**

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

8.0 **Mozzjonijiet**

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#062 – 3/4/14):**

"Jipproponi sabiex jiġu nstallati 2 lampi oħra fejn m'hemmx fi Triq Apap Bologna."

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru dawn il-lampi.

8.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Charlot Cassar (#063-9/4/14):**

"Jipproponi sabiex il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, filwaqt li jkompli jisħaq li għandha tinsab alternattiva sostenibbli għal binja tal-ex *Jerma Palace Hotel*, jitlob lill-Awtoritajiet konċernati fosthom il-MEPA, il-Pulizija u l-Ministeru responsabbli mill-indafa pubblika sabiex jieħdu dawk l-azzjonijiet kollha biex din il-binja tinżamm nadifa, jingħalaq b'mod effettiv l-aċċess għaliha kif ukoll jassiguraw li jitwaqqfu l-abbużi, dan minħabba l-fatt illi din il-binja tinsab fi stat ta' telqa u abbandun, u mhux talli qed tkerraħ il-lokalità tagħna iżda wkoll qed toħloq inkonvenjent kbir għar-residenti u numru ta' perikli serji. Kif ukoll l-istat li tinsab fih din il-binja qed tressaq lejha numru ta' abbużi fosthom rimi ta' skart u tlajjar bir-riskju kollu li dawn l-abbużi jġibu magħhom."

Is-Sur Charlot Cassar qal illi l-MEPA għandha l-irwol illi tagħlaq l-aċċesibilita' għal ġewwa l-Jerma, kompla jgħid illi qiegħda fi stat tal-biża u qed nistennew li jkorri xi ħadd ieħor.

Il-Kunsillier Sandro Gatt qal illi l-art hija tal-gvern pero il-binja tal-Jerma tappartjeni lill-Montebello.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn noħorġu ittra uffiċjali indirizzata lill-Ministeri sabiex jittieħdu passi.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt isuġerixxa li ssir press conference fuq il-post stess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-blat ta' madwar il-Jerma jappartjeni lill-San Tomaso Developers.

Sar qbil unanimu illi nibgħatu ittra lill-pulizija, Lands Department, il-Ministeri responsabbli, l-Mepa kif ukoll lis-Sur Montebello.

8.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#064-11/4/14):</u>**

"Jipproponi sabiex jiġu nstallati 3 lampi fi Triq id-Dugħ k/m Triq il-Gdida lejn Triq il-Buttar."

Sar qbil unanimu illi jiġu nstallati dawn il-lampi.

8.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#065-15/4/14):</u>**

*"Jipproponi sabiex tiġi nstallata bozza ġdida fit-tela ta' Triq Wied iz-Ziju."*

Sar qbil unanimu illi tiġi installata din il-bozza.

8.5 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –Sur Mario Calleja (#066-21/4/14):</u>**

"Jipproponi illi peress li l-kuntrattur tal-bankini u xogħol ieħor ta kostruzzjoni E.Mifsud & Sons ilu għal dawn l-aħħar sitt ġimgħat ma jagħmel xogħol fil-lokal tagħna u dan mhux b`disrispett lejn il-Kunsill iżda għax għandu xogħol ieħor u ma jistax ilaħħaq. Għaldaqstant dan il-kuntrattur għandu jieqaf mill-istess kuntratt u x-xogħol ikomplieh it-tieni l-orħos offerent li hemm fis-sejħa tal-offerti. Dan huwa l-kuntrattur li kelna qabel Karmig Ltd, li kif jaf kullħadd qatt ma kelna xi problemi miegħu u xogħlu dejjem għamlu sewwa. Dan wara ftehim amikevoli ma E.Mifsud & Sons u allura peress li dan mhux b`xi nuqqas nissuġġerixxi li ma jkunx hemm post multi."

Is-Sindku qal illi bħalissa għandna ħafna xogħol b'lura ta' bankini u toroq dan minħabba l-fatt illi l-kuntrattur preżenti E Mifsud & sons għandu problema minħabba li daħalu xi xogħol kbir u mhuwiex qed ilaħħaq max-xogħol l-ieħor li għandu fosthom dak ta' Marsaskala, kompla jgħid illi xahar ilu l-istess kuntrattur kien avviċina lilu sabiex ikellmu dwar din il-problema u li peress illi mhux ilaħħaq max-xogħol xtaq illi jwaqqa l-kuntratt dejjem jekk ma jkunx hemm multi involuti u għalkemm hu kien isuġġerilu li jibqa jaħdem u jipprova jlaħħaq max-xogħolijiet ġewwa Marsaskala dan ma setax u filfatt bagħat ittra fejn qed jitlob li jwaqqa l-kuntratt. Is-Sindku qal illi la darba l-kuntratt waqa u d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali japprova nistgħu imorru għat-tieni l-irħas offerent li kien il-Karmig Trading Ltd, il-kuntrattur preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kif beda jara il-kalkulazzjonijiet illi għamel il-perit fuq dawn il-kuntratti jidher li mhux maħdumin sew u apparti minn hekk il-bord ma kienx wasal għal konklużjoni ta' min kien ġie fit-tieni u t-tielet post i dan peress li l-kunrattur Karmig ma kienx issottometta l-list of Machinery and Equipment peress li x-xibka fil-bankina mhux soltu tintuża

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'Awwissu li ġej ikun wasal iż-żmien li jiskadi il-kuntratt allura tajjeb li noħorġu kuntratt mill-ġdid u mhux jaqa għat-tieni offerent, dan ukoll minħabba il-fatt illi l-Karmig Trading Ltd ma kienx ġie technically complaint għaliex ma kienx ppreżenta il-lista ta' makkinarju fit-tender tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan u qal illi kien bagħat lid-Dipartiment sabiex jikkonferma magħhom jekk dan jiġi meqjus technically non complaint pero bqajna ma rċivejna l-ebda risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka illi fis-snin preċedenti anke il-Karmig Trading ltd ma kienx jaderixxi mad-deadlines kollha stipolati mill-Kunsill u ssuġerixxa li l-Perit tal-Kunsill għandu jibda jissottometti żmien sakemm kull proġett jispiċċa.

*Kien hemm qbil unanimu li għandna nistennew iktar informazzjoni qabel ma nipproċedu.*

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.32p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar il-Tlieta 20 ta' Mejju 2014 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |